MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 576/2009

Public Broadcasting Services Limited (C13140).

Vs

IP Investors Limited (C41871).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ hames mija, tlieta u sittin ewro u seba’ u erbghin centezmu (€563.47) minghand is-socjeta’ konvenuta, rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija, tlieta u sittin ewro u seba' u erbghin centezmu (€563.47), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------